**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

Kumpilazzjoni nru 492/17/YMS

Pulizija

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Joseph Sciberras

Illum 16 ta' Jannar 2023

Il-Qorti

Rat li l-imputat Joseph Sciberras ta'65 sena, imwieled il-Gzira, nhar it-5 ta' Awwissu 1952, iben Frank u Concetta nee' Cremona, residenti Marina Crt flt 2, Sliema rd, Gzira, detentur ta' Karta ta' identita Nru 614752(M) tressaq quddiemha akkuzzat talli ghall-habta tal-10:15 ta' filghodu tas-26 ta Lulju 2017 gewwa Triq San Gorg Gzira:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Brian John Douglas Raynsford skond kif iccertifikat Dr Francesca Spiteri reg nru 4007 tal-Isptar Mater Dei
2. Fl-istess data him u lok volontarjament ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq vettura ta’ ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta’ registrazzjoni GBI 381 ghad-detriment ta’ Gordon Craig u/jew persuna/i ohra liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero’ izjed min mitejn u hamsin euro (250)
3. B’mod iehor mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku

Rat li l-Avukat Generali taghha l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-imputat iwiegeb li mhux hati waqt l-ezami u li ma ghandhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarji wara li inghata zmien xieraq biex issir tali twegiba fis-seduta tas-6 ta Marzu 2018.

Rat li fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2023 l-Imputat, ammetta l-imputazzjonijiet.

Semghet ix-xhieda u rat l-provi u kkunsidrat id-dokumenti kollha.

Rat l-art 216, 222A(1)(a), 325(b), u 338dd tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

**Ikkunsidrat**

Illi l-Ispettur Jonathan Ransley fis-6 ta’ Marzu 2018 xehed dwar l-involviment tieghu fil-kaz in desamina fejn ezebixxi Dok JR. Fid-29 ta’ Mejju 2018 ezebixxa Dok RJ.

Fis-6 ta' Marzu 2018 xehed bil-lingwa Ingliza Brian John Douglas Rendsford, wara li l-imputat stqarr li jifhem bil-lingwa Ingliza, fejn taghha il-verzjoni tieghu ta kif sehh l-incident in desamina.

Fl-istess data xehdet bil-lingwa Ingliza Karen Telles wara li l-imputat stqarr li jifhem bil-lingwa Ingliza fejn tat il-verzjoni taghha ta' kif sehh l-incident in desamina.

Fid-29 ta' Mejju 2018 xehdet WPS Leanne Sant dwar l-involviment taghha fl-incident u ezebiet Dok LS.

Fid-29 ta' Mejju 2018 xehed Gordon Craig li taghha l- verzjoni tieghu tal-incident.

Fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2021 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Fis-16 ta Jannar 2023 l-imputat intavola l-ammissjoni tieghu

**Decide**

Stante it-trapass ta' zmien u l-provi prodotti u l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti tikkundanna lill-Imputat ghal conditional discharge ghal tmintax-il xahar (18) ai termini tal- artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat lill-imputat il-portata tas-sentenza.

Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur